

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2011

li temenda d-Deċiżjoni 2003/248/KE dwar l-estensjoni taż-żmien għad-derogi temporanji minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar pjanti tal-frawli (*Fragaria L.*), maħsuba biex ikunu mħawla, minbarra ż-żerriegħa, li toriġina [joriġinaw] mill-Arġentina

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 447)

(2011/74/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2000/29/KE, pjanti tal-frawli (*Fragaria L.*) maħsuba għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, u li joriġinaw minn pajjiżi li mhumiex Ewropej, għajr pajjiżi Mediterranji, l-Awstralja, in-New Zealand, il-Kanada u l-istati kontinentali tal-Istati Uniti tal-Amerka, bi prinċipju ma jistgħux jiġu introdotti fl-Unjoni. Madankollu, dik id-Direttiva tippermetti derogi minn dik ir-regola, sakemm ikun stabbilit li ma hemmx riskju ta' tixrid ta' organiżmi perikolużi.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/248/KE⁽²⁾ tawtorizza lill-Istati Membri biex jipprovdu derogi temporanji minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/29/KE biex tkun permessal-importazzjoni ta' pjanti tal-frawli (*Fragaria L.*), maħsuba biex ikunu mħawla, minbarra ż-żerriegħa, li toriġina [joriġinaw] mill-Arġentina.
- (3) Iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-awtorizzazzjoni stipulata fid-Deċiżjoni 2003/248/KE għadhom preżenti u ma hemmx informazzjoni ġdida li turi l-ħtieġa ta' reviżjoni tal-kondizzjonijiet speċifiċi.
- (4) Skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/64/KE⁽³⁾, il-*Colletotrichum acutatum* Simmonds tneħħa minn punt (c) tas-Sezzjoni II tal-Parti A tal-Anness II mad-Direttiva 2000/29/KE. Għalhekk dan l-organiżmu ma għandux ikun inkluż fl-Anness mad-Deċiżjoni 2003/248/KE.
- (5) Abbażi tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/248/KE, huwa xieraq li l-perjodu ta' validità ta' dik l-awtorizzazzjoni jiġġedded għal għaxar snin.

- (6) Id-Deċiżjoni 2003/248/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/248/KE hija emendata kif ġej:

1. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2003/248/KE għandu jinbidel kif ġej:

"L-awtorizzazzjoni għall-provvediment ta' derogi, kif jipprovdi għaliha l-paragrafu 1 (minn issa 'l quddiem imsejħa l-awtorizzazzjoni), għandha tkun soġġetta, apparti mill-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I, II u IV mad-Direttiva 2000/29/KE, għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, u għandha tapplika biss għall-pjanti li jiġu introdotti fl-Unjoni, fil-perjodu mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru ta' kull sena."

2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3a kif ġej:

"Artikolu 3a

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fit-30 ta' Settembru 2020."

3. It-tieni inċiż tal-punt 1(c) tal-Anness għandu jitħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2011.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 93, 10.4.2003, p. 28.⁽³⁾ ĠU L 168, 28.6.2008, p. 31.